MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 188/2014

**John Farrugia ID. 144367(M)**
**taht l-isem kummercjali 'Bicanter Distributors'**

**Vs**

**Andrew Pace ID.25774(M)**
**taht l-isem kummercjali 'Salvino's' u b'digriet moghti mit-Tribunal fid-9 ta' Ottubru, 2014 giet kjamata in kawza s-socjeta' Aphrodite Limited (C37038)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2014 fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-intimat sabiex ihallas ir-rikorrent is-somma ta' sitt mija u dsatax-il ewro u tnejn u sebghin centezmu (€619.72) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimat u dan fuq l-istruzzjoni tieghu stess, izda mhux imhallsa, hekk kif jirrizulta mis-statement annessa u mmarkata bhala Dok. 'JF.1';

Illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi izda xorta baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi speduta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta numru: 1859/13, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'JF.2' u li l-intimat oppona ghaliha, u bl-imghaxijiet applikabbli skont il-ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenut ipprezenta risposta fis-7 ta' April, 2014 fejn ecepixxa:

1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu kien biss impjegat tas-socjeta' Aprodhite Limited (C37308) li da parti taghha kienet tiggestixxi ir-restaurant Salvino's u dejjem agixxa f'isem l-istess socjeta';

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba kellha tigi postulata fil-konfront tas-socjeta' Aphrodite Limited (C 37308) u se mai ghandha tigi kjamata fil-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi giet kjamata in kawza s-socjeta' Aphrodite Ltd li pprezentat risposta fil-21 ta' Ottubru, 2014 fejn eccepiet illi preliminarjament, is-socjeta' Aphrodite Ltd. mhijiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi s-socjeta' esponenti qatt ma dahlet fl-ebda negozju jew trattativ mar-rikorrenti u b'hekk it-talba tar-rikorrenti qatt ma' tista tigi akkolta fil-konfront tas-socjeta' esponenti.

Illi jekk semmai jirrizulta li s-somma reklamata jew parti minnha hija dovuta din ghandha tkun dovuta mill-konvenut Andrew Pace.

Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, f'kull eventwalita' ir-rikorrenti 'rrid jipprova kull somma pretiza permezz ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi xehed John Farrugia li spjega illi hu dejjem kien jaf lil Andrew Pace li min naha tieghi qatt ma ndikalu ebda kumpanija jew ghalinqas il-fatt li kien impjegat. Anzi ghal kuntrarju dejjem ipprezenta ruhu bhala chef patron. L-attur ma kienx inkkuntrattat mas-socjeta' kjamata in kawza.

It-Tribunal semgha lil Frances Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta' kjamata in kawza.

F'dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut Andrew Pace ma rnexxilux jipprova 'lli hu kien qed jikkntratta f'isen haddiehor anzi l-attur zehed illi l-kumpanija Aphrodite ma ssemmiet qatt.

Ghalhekk ghal dawn il-mottivi it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Pace u jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil Andrew Pace ihallas is-somma ta' sitt mija u dsatax-il ewro u tnejn u sebghin centezmu (€619.72) lill-attur, bl-imghax mid-data tal-15 ta' Settembru, 2012 sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Aphrodite Ltd u jillibera.

L-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 1859/2013 jkunu a karigu tal-konvenut Andrew Pace.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------